



Brussell, 4 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7211/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0370(COD)**

**CODEC 643
COMPET 253
BETREG 12
ENT 48
MI 237
PECHE 90
PE 41**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 26-29 ta' Frar 2024)

I. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Frar 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fid-29 ta' Jannar 2024, il-President, Anna CAVAZZINI (Ħodor/AHE, DE) ippreżentat rapport f'isem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), li għandu l-għan li jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' Frar 2024 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA(2024)0103

Rekwiżiti ta' rappurtar

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Frar 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar (COM(2023)0643 – C9-0388/2023 – 2023/0370(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0643),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43(2) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0388/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023,¹
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0009/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.